# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 8 ta' Gunju, 2001.**

**Numru 28**

**Citaz. Nru. 79/01GV**

**Peter Borg**

**vs**

**Nazzareno u Doris konjugi Bartolo**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi fuq inkarigu lilu moghti mill-konvenuti l-attur ghamel xoghol ta' demolizzjoni, bini ta' hitan u soqfa fil-fond 26, Triq Sant Alfonsu, Sliema;

Premess illi l-attur issupplixxa wkoll it-travi tal-hadid u jarda konkos;

Premess illi dan ix-xoghol sar bejn it-3 ta' Dicembru, 1999 u d-29 ta' Dicembru, 1999;

Premess illi l-hlas dovut lill-attur ghal dan ix-xoghol jammonta ghal elf, hames mija u tlieta u sittin lira Maltija (Lm1,563);

Premess illi l-attur hareg l-annessa invoice markata bhala dok. A illi giet accettata mill-konvenuti illi qatt ma nnegaw li fil-fatt huma ghandhom ihallsu lill-attur l-imsemmija somma ta' elf, hames mija u tlieta u sittin lira

Maltija (Lm1,563) izda qeghdin jaghmlu minn kollox sabiex ma jaffettwawx il-hlas dovut lill-attur;

Premess illi l-attur interpella lill konvenuti ghall-hlas diversi drabi, kemm huwa personalment kif ukoll permezz ta' ittra interpellatorja datata 9 ta' Novembru, 2000 (vide Dok. B) izda l-konvenuti baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Premess illi ghar-ragunijiet premessi il-konvenuti huma veri, certi u likwidi debituri tal-attur fis-somma ta' elf, hames mija u tlieta u sittin lira Maltija (Lm1,563), kif konfermat mill-anness affidavit tal-attur immarkat Dok. C;

Premess illi jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mill-artikolu 167 (1) *et seq.* tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) kif jirrizulta mill-anness affidavit tal-attur, biex tiddispensa mis-smiegh tal-kawza u taqta' u tiddecidi l-kawza skond procedura specjali sommarja;

Ghaldaqstant l-attur talab lil din il-Qorti:

1. Tiddispensa mis-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara li l-konvenuti ghandhom ihallsu lill-attur is-somma ta' elf, hames mija u tlieta u sittin lira (Lm1,563) rappresentanti l-hlas dovut lill-attur mill-konvenuti ghal xoghol ta' demolizzjoni, bini ta' hitan u soqfa esegwiti mill-attur fuq inkarigu tal-konvenuti fil-fond 26, Triq Sant Alfonsu Sliema, inkluz il-materjal;

3. Tikkundanna lil konvenuti biex ihalsu lill-atturi l-imsemmija somma ta' elf hames mija u tlieta u sittin lira Maltija (Lm1,563);

Bl-ispejjez kollha, inkluz dawk tal-ittra interpellatorja datata 9 ta' Novembru, 2000 u bl-imghax legali mid-29 ta' Dicembru, 1999 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tal-attur;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lil konvenuti li naqset li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci;

Semghet ix-xhieda ta' Peter Borg;

Semghet l-avukat tal-attur;

Ezaminat l-atti tal-kawza; Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddecidi billi tilqa' t-talba tal-attur kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**